MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2001

Rikors Numru. 1790/2000/2

**Emilio PERSIANO**

**vs**

**Il-KUMMISSARJU tal-PULIZIJA fil-kwalita' tieghu bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-31 t'Awissu, 2000, illi fih lattur ippremetta:

Illi l-attur kellu relazzjoni intima ma' certa Rajaa Mukada ta' nazzjonalita' Marokkina;

Illi din Rajaa Mukada harget tqila mill-attur u ghandha hames xhur tqala;

Illi din Rajaa Mukada ma inghatatx permess tidhol Malta mill-konvenut u l-istess konvenut hareg ordni ta' tkeccija kontriha halli din tinbaghat lura lejn il-Karokk;

Illi l-attur ottjena mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors Numru 2836/00), kopja ta' liema mandat qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi skond l-Artikolu 4(f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, insibu li fost il-persuni ezentati u li ghalihom Taqsima 3 tal-istess Att ma tapplikax, hemm dak li jkun dipendententi fuq persuna li tkun cittadina Maltija;

Illi l-esponent, essendo li hu cittadin Malti, hu fost in-nies kontemplati fl-Artikolu 4 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-attur ghandu l-intenzjoni illi jirrikonoxxi lit-tarbija li ghad trid titwieled;

Illi ghalhekk it-tarbija li ghad trid titwieled hija fil-fatt dipendenti fuq l-attur tant illi ghal xhur shah hu kien qed johrog l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' medicinali u meta titwieled se jkun hu li jmantniha;

Illi l-attur, kif se jkollu l-oppportunita' illi jipprova fil-mori tal kawza, huwa ghandu l-bizgha li jekk din Rajaa Mukada titkecca lura lejn pajjizha, minhabba problemi familjari, ta' kultura u religjon, hija se tigi kostretta taghmel abort u ghalhekk il-futur wild, li hu dipendenti ta' l-attur jinsab f'periklu car u imminenti;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tinibixxi l-konvenut milli jittanta jordna jew jesegwixxi ordni ta' tkeccija ta' l-imsemmija Rajaa Mukada minn dawn il-gzejjer;

Il-konvenut minn issa ingunt in subizzjoni;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 2836/00, kontra l-konvenut;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista ta’ xiehda tal-istess attur li maghha kien hemm mehmuz Dokument wiehed;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-27 ta’ Settembru, 2000, tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita’ tieghu premessa li permezz taghha huwa ecepixxa, fost l-ohrajn u preliminarjament, in-nuqqas ta’ interess tal-attur li jaghmel il-kawza li tikkoncerna l-istat u l-moviment ta’ terza persuna li m’hijiex parti minn din il-kawza;

Rat id-Degriet taghha tas-16 ta’ Novembru, 2000, fuq talba tal-konvenut permezz ta’ Rikors datat 27 ta’ Settembru, 2000, li ordnat is-smiegh tal-kawza b’urgenza;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-imharrek Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-atti kollha tal-kawza relattivi ghal din l-eccezzjoni u kif ukoll l-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2836/00 dekretat kameralment fl-24 t’Awissu, 2000, minn din il-Qorti diversament komposta;

Rat id-Degriet taghha tad-9 ta’ Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fuq in-nuqqas ta’ interess guridiku fl-attur li jiftah din il-kawza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kwestjoni mqanqla mill-konvenut bis-sahha ta' din l-eccezzjoni hija bla l-icken dubju wahda serja u tolqot il-qofol tat-taqbida legali kollha li nholqot bejn il-partijiet f'din il-kawza sa minn meta l-konvenut Ufficjali Ewlieni tal-Immigrazzjoni wera li jrid jesercita s-setghat moghtija lilu bil-ligi [Kap 217] biex inehhi minn Malta lil Rajaa Mukada sive Mokaddam bhala immigrant ipprojbit;

Illi l-istess kwestjoni tiehu xejra tassew partikolari meta wiehed iqis il-qafas tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz u huwa xieraq li wiehed izommhom quddiem ghajnejh meta jigi biex jifli l-argumenti mressqa mill-partijiet dwar l-istess eccezzjoni;

Illi l-attur huwa cittadin Malti u l-azzjonijiet tal-konvenut taht l-Att tal-1970 dwar l-Immigrazzjoni ma japplikawx ghalih u m'ghandu l-ebda bizgha li huwa sejjer jitkecca minn Malta. Il-bizgha tieghu hi li persuna ohra - mara ta' nazzjonalita' Marokkina - titkecca minn Malta. Il-persuna li hija s-"suggett" tad-decizjoni tal-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni m'hijiex parti f'dawn il-proceduri u lanqas kienet parti fl-att tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Il-persuna msemmija lanqas hija mart l-attur, imma l-attur jghid li hija tqila b'tarbija tieghu. Dwar l-istat tal-mara m'hemm l-ebda kontestazzjoni. Id-degriet tal-24 t'Awissu, 2000, li bih il-Qorti ordnat il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni (decizjoni meqjusa li, min-natura tal-procedura nnifisha, hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet *prima facie*) iddur kollha kemm hi fuq il-jedd ta' harsien li l-ligi titqies li ghandha taghti lil tarbija li ghadha fil-guf;

Illi fl-ghoti ta' dan il-provvediment, din il-Qorti, filwaqt li hija marbuta li tqis il-bixriet kollha tal-kaz lil hinn minn livell ta' semplici *prima facie*, trid ukoll f'dan l-istadju zzomm 'il boghod milli tidhol fil-mertu tal-kwestjoni mqanqla mid-decizjoni tal-konvenut li jnehhi lil Mukada minn Malta;

Fis-sottomissjonijiet tieghu b'tishih tal-eccezzjoni mressqa minnu, l-Avukat tal-konvenut isemmi b'hila erba' ragunijiet li ghalihom jghid li l-attur m'ghandux interess li jressaq din il-kawza. Fil-fatt, huwa jghid li (a) kawza ta' din l-ghamla u taht il-ligi partikolari messha saret mill-persuna nnifisha milquta bid-decizjoni tat-tnehhija taghha minn Malta, izjed u izjed meta din tinsab f'Malta. Fit-tieni lok, (b) l-attur m'ghandux interess ukoll minhabba li t-talba titkellem fuq "jedd" potenzjali u ghalhekk tonqos l-attwalita' tal-interess tieghu f'dan l-istadju bikri. Fuq kollox, (c) l-azzjoni nnifisha tmur kontra l-jeddijiet tal-persuna milquta bl-ordni tat-tnehhija, ghax isseri biex ixxekkilha milli thalli Malta. Fl-ahhar nett, huwa jargumenta li (d) l-azzjoni tal-attur jonqsilha l-interess legali ghax hija mmirata li zzomm awtorita' pubblika milli twettaq dmirha fil-ligi ghaz-zamma tal-ordni pubbliku;

Illi, min-naha tieghu, l-attur jishaq li ghandu interess li jaghmel din il-kawza (a) ghaliex dan il jedd gie maghruf dwaru meta l-Qorti laqghet it-talba tieghu li jinhareg il- Mandat ta' Inibizzjoni; (b) ghax ghandu interess dirett u attwali li t-tarbija li Mukada qeghda ggorr u li huwa jtenni li hija tieghu ma ssofri l-ebda hsara jew tigi esposta ghal xi pregudizzju; u (c) li, altru milli l-azzjoni tieghu ixxekkel il- liberta' tal-mara, il-kunsens taghha li ma titnehhiex minn Malta ma gie qatt dubitat;

***Ikkunsidrat:***

Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara, per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl- ismijiet Falzon Sant Manduca vs Weale, maqtugha fid-**9 ta' Jannar, 1959**, Kollezz: Vol: **XLIII.i.1**];

Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jesisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-**13 ta' Marzu, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet Francis Tonna vs Vincent Grixti, Kollez. Volum**: LXXVI.iii.592**];

Imma l-interess jista' jitkejjel, mhux biss mit-termini tal-azzjoni, izda wkoll mill-eccezzjonijiet li l-istess azzjoni tqanqal. F'kaz li jixbah xi ftit lil dan (fis-sens li jirrigwarda kawza mehuda kontra awtorita' pubblika bil-ghan li zzommha milli twettaq setgha amministrativa diskrezzjonarja taghha taht ligi partikolari), din il-Qorti fissret b'reqqa u bl-aktar mod car kif jitnisel l-interess b'dan il-mod ukoll [ara sentenza tas-**27 ta' Novembru, 1992**, fil-kawza fl-ismijiet Carmel Cassar et vs Ministru ghall-Isvilupp tal-Infrastruttura et Kollez. Vol: **LXXVI.iii.635**;

Illi l-Qrati taghna fissru wkoll li l-interess ta' parti li tiftah kawza jrid jibqa' jintwera tul il-kawza kollha ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta. Minbarra dan, jekk l-azzjoni ma tkunx kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utli ghal min jipproponiha jew jekk dan ir-risultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, l-azzjoni ma tistax tigi protetta [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**27**

**ta' Mejju, 1991**, fil-kawza fl-ismijiet Michaelangelo Bond vs Carmelo Mangion et (Kollez Vol: **LXXV.ii.385**];

Il-Qrati taghna sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha interess li tigi msejha fil-kawza (koattivament) anke fejn la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kundannata, imma biss ghaliex il-kwestjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita' tal-gudizzju [ara sentenza Qorti tal-Appel tat-**18 ta' Mejju, 1995** fil-kawza fl-ismijiet Lawrence Farrugia vs Joseph Fava];

Illi wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, mhux l-anqas ir-rabta li l-attur jishaq li ghandu mat-tarbija li qeghda ggorr Radaa Mukhada, jidher car li l-elementi stabiliti mill-qrati taghna kif hawn imfissra jesistu lkoll fi grad accettabbli;

Illi, ghalhekk, minn dak li nghad, u fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz kif imsemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti ssib li l-attur ghandu l-interess mehtieg biex jiftah u jmexxi din il-kawza proprju fil-parametri li fihom giet imfassla u biex iseddaq dak li l-Mandat ta' Inibizzjoni mahrug fil-konfront tal-konvenut jimmira li jhares;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti **taqta' li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi michuda bhala mhux fondata**, u tordna li l-kawza tissokta bit-trattazzjoni fil-mertu.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu ghad-decizjoni ahharija.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------